



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 127/12**  
Il-Lussemburgo, id-9 ta' Ottubru 2012

Stampa u Informazzjoni

## **Vassilios Skouris elett mill-ġdid bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

Wara s-sostituzzjoni parpjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>1</sup>, Vassilios Skouris, President tal-Istittużżjoni sa mis-7 ta' Ottubru 2003, ġie kkonfermat fil-kariga tiegħu ta' President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn id-9 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2015.

L-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jiprovd li: "Minnufih wara s-sostituzzjoni parpjali prevista mill-Artikolu 253 TFUE, l-Imħallfin għandhom jeleġġu wieħed minn fosthom bħala I-President tal-Qorti għal terminu ta' tliet snin".

### **Vassilios Skouris**

Imwieded fl-1948; gradwat fil-Liġi mill-Università libera ta' Berlin (1970); irċieva d-Dottorat fid-Dritt Kostituzzjonali u Amministrattiv fl-Università ta' Hamburg (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Hamburg (1972-1977); Professur fid-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru tal-Affarijiet Interni (fl-1989 u fl-1996); membru tal-Kumitat Amministrattiv fl-Università ta' Kreta (1983-1987); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (1997-2005); President tal-Assoċjazzjoni Griega għad-Dritt Ewropew (1992-1994); membru tal-Kumitat tar-Riċerka Nazzjonali Griega (1993-1995); membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni tal-impjegati għas-servizz pubbliku Grieg (1994-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Akkademja tad-Dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1997-1999); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjalist Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.

---

*Dokument mhux uffiċċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

---

1 Ara l-Istqarrija għall-İstampa [Nru 126/12](#).